TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Tal-Konsumatur**

Simon Mallia

vs

Master Enterprise Company Limited - Moda Bagno

CCT 75/24

22 ta' Mejju 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fil-5 ta' April 2024 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata/ azienda intimata thallsu l-ammont ta' €528.00, prezz ta' madum zejjed ordnat u mixtri minghand l-azjenda intimata, liema ordni kien gie kalkolat min-naha tal-azjenda intimata.

Ra r-risposta tas-socjeta intimata/ azienda intimata fejn cahdet it-talba tar-rikorrent u qalet illi l-klijent kellu bizzejjed zmien biex jirrevedi l-kwotazzjoni qabel l-ordni u kien accetta l-ftehim kuntrattwali bit-termini u l-kundizzjonijiet; huma ma jaccettawax li jiehdu madum lura peress illi dawn jigu ordnati specifikament ghall-klijent u fil-fatt huma taw ir-rikorrent hames metri zejda minghajr hlas, u bbenefika minn skont u ghalhekk huwa hallas €448.80 u mhux €528.00; fl-assessar tal-qisien pprovduti mir-rikorrent, is-socjeta' intimata hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi huwa essenzjali illi jkollok madum zejjed peress illi fil-futur jaf ikun hemm problemi.

Ra illi minkejja li ghamlet risposta, hadd mis-socjeta' intimata ma deher biex jixhed u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux quddiemha l-versjoni tas-socjeta' intimata, hlief ghal dak elenkat fir-risposta taghha, li ttiehdet in konsiderazzjoni minn dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrent.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta mill-provi illi r-rikorrent kellu bzonn madum ghal zewg kmamar tal-banju fl-appartament tieghu u peress illi kien diga' xtara madum ghall-kumplament tal-appartament tieghu u kien sodisfatt bis-servizz, iddecieda illi jerga' jixtri minghandhom. Ir-rikorrent ipprovda l-pjanti u abbazi ta' dawk il-pjanti, l-azjenda intimata hadmet sketch u ghamlet il-kalkoli li abbazi taghhom saret l-ordni ghal madum, bi prezz ta' tlieta u tletin euro ghal kull maduma. Wara li tlesta x-xoghol ir-rikorrent induna illi kien ghad baqa' wiehed u ghoxrin metri kwadri ta' madum zejjed, u li dan iz-zball kien swielu €693.00. (21 x 33 Euro). Ir-rikorrent jikkontendi illi dan mhuwiex zball ta' xi zewg madumiet, izda zball grossolan minhabba nuqqas professjonali min-naha tal-azjenda intimata illi swietlu hafna flus, apparti l-fatt illi m'ghandux fejn jistiva dan il-madum.

Illi meta xehed quddiem it-Tribunal ir-rikorrent ikkonceda illi kien hemm hames madumiet illi nghatawlu b'xejn u ghalhekk huwa kien qed jillimita t-talba tieghu ghal sittax il- metru kwadru (16 tiles) u kien qed jirriduci t-talba ghal erba mija tmienja u erbghin euro. (€448.00).

Illi mid-dokumenti esebiti, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-kwotazzjoni inhadmet mis-socjeta' intimata abbazi tal-isketch provdut mir-rikorrent. Illi t-Tribunal jirreferi ghal pargrafu 7 tar-risposta tal-azienda intimata li ighid hekk:

*In large bathrooms like yours, it's essential to have extra tiles on hand. This precautionary measure can help prevent potential issues such as mismatched tonalities in the future, particularly in case of plumbing problems or other unforeseen circumstances. Having spare tiles readily available ensures seamless repairs and maintains the aesthetic consistency of your bathroom.*

Ghalkemm dan huwa minnu, hemm differenza kbira bejn erba' jew hames madumiet zejda u 21 metri kwadri zejjed li huwa bizzejjed biex tatrezza kamra tal-banju iehor.

Ghalkemm f'paragrafu 3, l-azjenda intimata tghid illi l-isketch provdut mir-rikorrent kien jinkludi hafna features addizjonali u dawn ttiehdu in konsiderazzjoni, dan bl-ebda mod ma jiggustifika l-izball. L-asserzjoni taghhom illi kien hemm diskrepanzi min-naha tar-rikorrent, bl-ebda mod gie ppruvat.

Min jallega irrid jipprova u jekk kien hemm ommissjonijiet kif qed jigi allegat, l-azjenda intimata kienet fid-dmir illi ggibu prova ta' dan, pero' dan m'ghamlitux. L-istess jinghad ukoll ghal dak allegat f'paragrafu 1 tar-risposta taghhom, fejn l-azjenda intimata qed tallega illi huma kienu avzaw lil klijent illi ma jaccettawx madum lura.

Apparti l-fatt illi din l-informazzjoni (li huma ma jaccettawx madum zejjed) ma gietx indikata fil-kwotazzjoni, anke jekk, ghal grazzja tal-argument dan id-diskors verament intqal lir-rikorrent, il-ligi tal-konsumatur qieghda hemm biex tipproteġi lill-konsumaturi minn prattiki abbużivi u dement li ma jigix ppruvat li l-izball kien tort tar-rikorrent, dan in-nuqqas mhuwiex attribwibbli lilu.
Ghalhekk it-Tribunal jidhirlu illi fin-nuqqas ta' dehra tas-socjeta' intimata it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta il-versjoni tar-rikorrent, li hija verosimili.

Illi ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrent u jikundanna l-azjenda intimata/ socjeta' intimata in solidum bejniethom ihallsu r-rikorrent l-ammont ta' €448.00. Bi dritt tal-azjenda intimata/ socjeta' intimata illi jiehdu lura l-madum zejjed wara li jsir il-hlas.

**Dr Michela Spiteri LL.D**

**Arbitru**